# Moħħok mistrieħ bis-sistema tal-elettriku tiegħek?

**Meta kienet l-aħħar darba li ċċekkjajt is-sistema tal-elettriku tal-propjetà tiegħek? Jekk iżżomm is-sistema tal-elettriku tiegħek f'kundizzjoni tajba, tevita ħafna ħsarat waqt li tnaqqas il-periklu ta' aċċidenti għalik u għal persuni oħrajn li jużaw il-propjetà. Is-sistema tal-elettriku teħtieġ ittestjar u manutenzjoni regolari. Tista' tibda billi tqis dawn il-punti bir-reqqa:**









## Għandek sistemi ta' ħarsien mill-vultaġġ għoli?

Fil-propjetà tiegħek int obbligat ikollok apparat li jħares is-sistema tal-elettriku minn aċċidenti li jwasslu għal *overvoltage* (vultaġġ għoli). Tajjeb ukoll li jkollok apparat li jevita l-konsegwenzi ta' *surges* (żidiet qawwija ferm fil-vultaġġ f'daqqa waħda). Dawn is-sitwazzjonijiet mhux mixtieqa jistgħu jiġu kkawżati minn aċċidenti tat-traffiku, maltemp bis-sajjetti jew riħ qawwi, xogħlijiet fit-toroq, aċċidenti f'siti ta' kostruzzjoni, ħsarat tekniċi u diffikultajiet oħrajn li jolqtu s-sistema tad-distribuzzjoni li twassal l-elettriku fil-propjetà tiegħek. *Overvoltage* u *surges* jagħmlu ħsarat kbar fis-sistema tal-elettriku tal-propjetà tiegħek u tal-apparat li jkollok imqabbad magħha.

Għalhekk, int obbligat li tipproteġi ruħek mill-*overvoltage* billi twaħħal *overvoltage protective device* fid-*distribution board* f'kull propjetà li għandha s-sistema tal-elettriku, anki jekk hi propjetà żgħira. Fl-istess waqt, tajjeb ukoll li jkollok apparat li jħares is-sistema tal-elettriku minn *surges* momentarji. Jista' jkollok *surge protector* fid-*distribution board* li jipproteġi s-sistema tal-elettriku kollha. Tista' wkoll tuża sistemi iżgħar li jipproteġu apparat u makkinarju partikolari li jista' jkollok fil-propjetà.

## Minn fejn tikkontrolla u tipproteġi s-sistemi tiegħek?

Taf fejn hi d-*distribution board (consumer unit)* tal-propjetà tiegħek? Hawnhekk għandek issib is-*circuit breakers*. Dawn jitfu u jixegħlu partijiet differenti tal-propjetà tiegħek. Qis li din il-kaxxa qatt ma tkun mgħottija jew imxekkla b'xi oġġetti oħrajn biex tkun tista' tilħaqha malajr meta jkollok bżonnha. Kull *circuit breaker* fid-*distribution board* għandu jkun immarkat b'mod ċar mill-*electrician* tiegħek. L-aktar wieħed importanti huwa d-*double pole main circuit breaker* (DP-MCB) li bih tista' titfi u tixgħel is-sistema tal-elettriku tal-propjetà kollha.




## Is-salvavita tiegħek taħdem?

Kull sistema tal-elettriku għandha jkollha apparat għar-*residual current*, jew kif ħafna jafuha, is-salvavita. Dan l-apparat jipproteġik milli tweġġa' b'xokk elettriku jekk aċċidentalment tmiss xi wajers tal-elettriku mixgħulin jew jekk tuża xi apparat difettuż. Is-salvavita tkun fid-*distribution board* maġenb is-*circuit breaker* ewlieni. Kun ċert li għandek din il-protezzjoni fil-propjetà tiegħek. Agħfas il-buttuna "Test" tagħha madwar darba fix-xahar biex tikkonferma li mhix imwaħħla. Kultant żmien itlob lill-*electrician* tiegħek jittestjaha u jikkonferma li qed taħdem kif suppost.

## Għandek sistema tajba ta' *earth*?

Kull ċirkwit u apparat tal-elettriku fil-propjetà tiegħek (sakemm ma jkunx tat-tip *Class-II all-insulated*) għandu jkollu arranġament suffiċjenti għall-*earth*. Arranġament tajjeb għandu jwassal biex jaqtagħlek is-salvavita u jeħilsek mill-periklu ta' xi xokk elettriku, nirien jew ħsarat oħrajn f'każ li jkun hemm xi kurrent tal-elettriku perikoluż ikkawżat minn difetti fis-sistema tal-elettriku tiegħek jew f'xi apparat li tkun qed tuża. Konnessjoni għall-*earth* li tkun imqabbda ma' xi kanna tal-ilma mhijiex aċċettabbli. Minflok għandu jkollok sistema mqabbda ma' *earth electrode*. Staqsi lill-*electrician* tiegħek biex jittestja r-reżistenza tal-*earth electrode* tiegħek u jiżgura li għadha effettiva. Minħabba l-klima shuna tagħna jista' jkun li kultant żmien ikun jeħtieġ li xxarrab ftit l-*earth electrode* biex tibqa' taħdem sew.

## Għandek xi plakek difettużi?

Dur dawra l-plakek u s-swiċċijiet li għandek mal-ħitan. Iċċekkja wkoll il-plakek u l-wajers tal-apparati jaħdmu bl-elettriku li tuża fil-propjetà tiegħek. Għandhom xi marki ta' ħruq, imkissrin jew imxaqqin? Għandek xi wajers maqrusin jew b'xi difett ieħor li jidher? Jekk tinnota xi ħsara tibqax tużahom u itlob lill-*electrician* tiegħek jirranġahom kemm jista' jkun malajr.



## Għandek ħafna *extensions* u *multi-plugs*?

Qatt m'għandek twaħħal *multi-plugs* jew *extension cables* fuq oħrajn. Jekk għandek bżonn iżżid il-plakek fil-propjetà tiegħek għal żmien twil, ikun aħjar jekk tinstalla oħrajn ġodda b'mod permanenti mal-ħajt. Meta tgħabbi l-plakek eżistenti b'ħafna *multi-plugs* u *extension cables*, tkun qed iżżid ir-riskju li jisħnu u jieħdu n-nar.

## Ittestjar regolari

Itlob lill-*electrician* tiegħek jagħmel test sħiħ tas-sistema tal-elettriku tiegħek. Wara kull spezzjoni, l-*electrician* għandu jagħtik ċertifikat. Ikun tajjeb jekk testijiet bħal dawn isiru b'mod regolari kultant żmien. L-*electrician* tiegħek jista' jiggwidak meta għandek tagħmel it-testijiet li jmiss. Iż-żmien ivarja skont x'tip ta' installazzjoni għandek.

## *Electrician* awtorizzat

Kun ċert li tqabbad dejjem *electricians* jew inġiniera elettriċi awtorizzati biex jagħmlu dan ix-xogħol kull meta teħtieġ xi tibdil jew tiswijiet fuq is-sistema tal-elettriku tiegħek.

## Trid tkun taf aktar?

Fis-sit **www.enemalta.com.mt** tista' taqra aktar dwar kif tista' jkollok sistema tal-elettriku aktar sigura.

## Ħares il-liġi...

**Skont il-Liġijiet ta' Malta, kull propjetà mqabbda mas-sistema tal-elettriku nazzjonali (kemm dawk *single phase* kif ukoll dawk *three phase*) għandha jkollha *double pole main circuit breaker (DP-MCB)* apparat għall-ħarsien mill-*overvoltage* u apparat għar-*residual current* (salvavita). Kull installazzjoni tal-elettriku għandha jkollha wkoll konnessjoni affidabbli għall-*earth*. Ir-regolamenti jagħmluha ċara li bħala sid tal-propjetà għandek tara li kultant żmien l-*electrician* jew l-inġinier tiegħek jispezzjona s-sistema tal-elettriku b'mod sħiħ.**

Għal aktar tagħrif, aqra r-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (S.L.545.24) - **www.justiceservices.gov.mt**

enemalta

E: **customercare.em@enemalta.com.mt** T: **8007 2224** W: **www.enemalta.com.mt**